## L-EWWEL IMRAR

*Fejn int sejjer, ħabib?*
*It-triq twila w imwiegħra!...*
*Kemm hu tqil is-salib*
*Ta' dil-ħajja hekk fiergħa!*

*Qalb żagħżugħa ħabbitek,*
*Fik il-hena ttamat,*
*U bi ħrara bisitek;*
*Fi tjubitek hi fdat.*

*La tistmerrx min iħobbok;*
*Għadek żgħir u bla deħen...*
*Aħseb sew, jien nitolbok;*
*Isma' 'l min lilek għen.*

*Issa, minnhom, trid titlaq;*
*Żewġt iqlub minfudin;..*
*Biex ftit ferħ inti tisraq*
*Waqt li huma mnikktin!...*

*Taf x'inhi, qalb ta' Omm*
*Li se tniffed u teqred?...*
*Qatt tpaxxejt b'dak il-fomm*
*Li minn ħajtek trid tifred?...*

*Għall-ġid tiegħek jien ħdimt...*
*W issa lili stmerrejt!*
*Aħjar kien li jien fhimt*
*F'lok li lilek ħabbejt!...*

*Żagħżugħ tari w bla ħjiena*
*La tkunx vittma tal-ħbieb!...*
*Lil min ħabbek bil-ħniena*
*La tagħlaqx f'wiċċu l-bieb!...*

25.iv.64

BR. VICTOR, F.S.C.

## ~~IN-NUMRU 16~~

~~*M'għandiex aktar minn sbatax. Fl-aħjar tagħha*~~
~~*'Ma wiċċha sfajjar jixbed it-tbatija*~~
~~*Li fnietha, u fil-qabar ser titfagħha.*~~
~~*Imsejkna tfajla! Il-mard hu xortijha;*~~
~~*Minn jum għall-ieħor tistenna bis-sabar*~~
~~*Li tkun aħjar, tamietha fil-fejqan.*~~
~~*It-tobba jafu li minn hawn għall-qabar*~~
~~*Fejn hemm fil-kesħa tista' ssib is-serħan.*~~
~~*Sħabha t-tfajliet joħolmu bit-tgawdija,*~~
~~*Moħħhom fiċ-ċajt, insew li ż-żogħżija*~~
~~*Tbaqbaq bis-saħħa u b'imħabba qawwija,*~~
~~*Għandha l-mard tagħha, il-hemm u t-tbatija.*~~
~~*Hemm fis-sodda sittax qalbha maqsuma*~~
~~*Tara ż-żgħożija b'salibha maħkuma.*~~

~~J. CAMILLERI~~